# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1385/00**

**Numru 45**

**Allied Newspapers Limited**

**vs**

**Limelight Hotel Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u seba u tmenin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmi (Lm287.51) mis-socjeta' konvenuta dovuti rappresentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta' diversi riklami maghmula mis-socjeta' attrici fil-gazetti "The Times' u "The Sunday Times" fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata t-3 ta' Awissu 1999, u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fit-28 ta' Marzu 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm287.51,0 bl-imghaxijiet legali mit-3 ta’ Awissu 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta’ Awissu 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg